MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 432/2011

**Josette Attard**

**vs**

**Rettur Universita ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-2 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:
1. Illi hija qeghda fuq l-academic staff tal-Universita, pero assenjata ghal-Junior College fejn taghti s-servizz taghha u hija ilha taghti dan is-servizz mis-sena 1995. In oltre hija ghandha d-dottorat (Ph.D.) fil-letteratura Maltija;

2. Illi skond ftehim imsejjah 'Agreement to facilitate the implementation of the collective agreement for academic staff of the University of Malta and academic staff of the Junior College' li intlahaq bejn l-Universita u l-Malta Union of Teachers u l-house union tal-Universita maghrufa bhala

UMASA, kien hemm stipulat illi l-membri tal-academic staff fil-Junior College illi fid-data tal-ftehim kien jissodisfaw tlett kundizzjonijiet u cioe illi kienu appuntati bejn l-1995 u l-1998 illi kellhom Ph. D. degree u illi urew konsistenza fir-research skond kif japprova bord illi jitwaqqaf flimkien mal-unions u inoltre illi kien hemm specifikatament illi waqt illi tali academic staff tal-Junior College kienu qeghdin jigu kkunsidrati bhala academics tal-Universita u kienu se jibqghu jghallmu fil-Junior College pero kemm-il darba kienet tinholoq vakanza xierqa fl-Universita, l-istess membri tal-academic staff tal-Junior College li jkollhom il-kwalifiki diga msemmija, kellhom ir-right of first refusal illi jiehdu l-post fl-Universita;

3. Illi skond ittra tat-13 ta' Lulju, 2009, id-direttur tal-Human Resources Management and Development tal-Universita ta' Malta informa lill-esponenti illi kienu rcevew l-accettazzjoni taghha tal-one time opportunity to be assigned to a faculty at the University of Malta;

4. Illi sussegwentament inholqu zewg vakanzi u kien hemm erba' min-nies jghallmu fil-Junior College illi tnejn minnhom gew imtella' ghall-Universita u ghalhekk fl-istess pozizzjoni tal-esponenti kienet baqghet hi u persuna ohra;

5. Illi sussegwentament, minkejja kull ftehim u kull procedura, persuna terza li ma kienitx tghallem fil-Junior College giet moghtija post fl-Universita, liema post legittimament kien jispetta lil Josette Attard u dana stante li l-persuna l-ohra ghazlet li tmur f'institute flok fil-fakolta tal-arti;

6. Illi bl-agir taghha l-Universita ippregudikat kemm il-ftehim miktub u kemm il-pozizzjoni tal-esponenti;

7. Minkejja li l-esponenti qed tircievi s-salarju daqs kieku qed tghallem l-Universita, peress li ghaliha l-flus m'humiex kollox, hija dejjem sostniet illi kellha tinghata rikonoxximent illi tghallem l-Universita fis-suggett illi hija specjalizzat u qatt ma stenniet illi biss bil-flus jinxtara

kompletament is-silenzju u l-accettazzjoni taghha. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Kawzali
8. Peress li l-Universita intrabet fi ftehim kollettiv imsejjah 'Agreement to facilitate the implementation of the collective agreement for academic staff the University of Malta and academic staff of the Junior College' li intlahaq bejn l-Universita u l-Malta Union of Teachers u l-house union tal-Universita maghrufa bhala UMASA, kien hemm stipulat illi l-membri tal-academic staff fil-Junior College illi fid-data tal-ftehim kien jissodisfaw tlett kundizzjonijiet u cioe illi kienu appuntati bejn l-1995 u l-1998 illi kellhom Ph.D. degree u illi urew konsistenza fir-research skond kif japprova bord illi jitwaqqaf flimkien mal-unions u inoltre illi kien hemm specifikatament illi waqt illi tali academic staff tal-Junior College kienu qeghdin jigu kkunsidrati bhala academics tal-
Universita u kienu se jibqghu jghallmu fil-Junior College pero kemm-il darba kienet tinholoq vakanza xierqa fl-Universita, l-istess membri tal-academic staff tal-Junior College li jkollhom il-kwalifiki diga msemmija, kellhom ir-right of first refusal illi jiehdu l-post fl-Universita;

9. Illi skond ittra tat-13 ta' Lulju, 2009, id-direttur tal-Human Resources Management and Development tal-Universita ta' Malta informa lill-esponenti illi kienu rcevew l-accettazzjoni taghha tal-one time opportunity to be assigned to a faculty at the University of Malta;

10. Illi sussegwentament, minkejja kull ftehim u kull procedura, persuna terza li ma kienitx tghallem fil-Junior College giet moghtija post fl-Universita, liema post legittimament kien jispetta lil Josette Attard u dana stante li l-persuna l-ohra ghazlet li tmur f'institute flok fil-fakolta tal-arti;

11. Peress li l-attrici ghandha dritt fic-cirkostanzi li tigi assenjata biex tghallem fl- Universita;

Talbiet

Ighid il-konvenut nomine ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-konvenut nomine kiser il-kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv fil-konfront taghha;

2. Tordna lill-istess konvenut nomine li fi zmien qasir u perentorju jassenja lill-attrici l-post li jisthoqilha bhala ghalliema fl-Universita;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Fl-ewwel lok u preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex il-gurizdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' kaz li jirrigwardja kundizzjonijiet ta' mpjieg li huma stabbliti permezz ta ftehim kollettiv u ghalhekk il-forum appositu hu esklussivament it-Tribunal Industrijali u dan ai termini tal-artikolu 75 tal-Ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452. Ghaldaqstant, in vista tan-nuqqas ta' kompetenza, b'kull rispett, l-esponenti jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

2. Fit-tieni lok, izda wkoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghall- eccezzjoni/risposta perentorja surriferita, l-esponenti jirrispondi billi jissottometti/ jeccepixxi n-nullita tal-azzjoni civili odjerna. It-tieni talba tar-rikorrenti hija insostenibbli stante illi din l-Onorabbli Qorti, b'kull rispett, ma tistax tassumi diskrezzjoni illi l-ligi tafda f'organu kompetenti stabbilit de lege, f'dan il-kaz, il-Kunsill tal-Universita ta' Malta ghat-tenur tal-artikolu 77(b) u 77(e) tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta. Li kieku kien hekk, l-unika Alma Mater taghna titmexxa u tigi gestita b'mod gudizzjarju mill-Qrati tal-Gustizzja taghna. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qed jintalab, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tassenja lir-rikorrenti il-post li, fil-fehma tar-rikorrenti, ir-rikorrenti jisthoqqilha. Semmai ir-rikorrenti imissha ezercitat id-drittijiet taghha billi tittanta timpunja att amministrattiv mahrug minn awtorita pubblika abbazi tal-Ligi Amministrattiva, senjatament l-artikilu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din l-Onorabbli

Qorti [jekk hekk tiddeciedi] tiddikjara li l-ghoti tal-post li nghata lil terza persuna, u li fil-fehma taghha, kien jispetta lir-rikorrenti [kif issottomettiet fil-kawzali], huwa null u invalidu ab initio. Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti illi l-azzjoni civili odjerna, kif dedotta, hija nulla, ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

3. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suesposti eccezzjonijiet/risposti procedurali, fit-tielet lok, ma sehh l-ebda ksur tal-ebda klawsola tal-ftehim intitolat ‘Agreement to facilitate the implementation of the Collective Agreement for academic staff of the University of Malta and academic staff of the Junior College', (Dok. UoM1) liema ftehim huwa allegat mal-ftehim kollettiv iffirmat bejn l-Universita ta' Malta u l-Junior College mal-University of Malta Academic Staff Association u l-Malta Union of Teachers fl-2009;

4. Ghalkemm ir-rikorrenti issodisfat it-tlett kriterji stabbiliti f'artikolu 2 tal-istess ftehim, u l-istess rikorrenti inghatat il-'one time opportunity to be assigned to a Faculty at the University retaining the current grade', meta nholqot vakanza ghal zewg postijiet akkademici fil-letteratura Maltija gewwa l-Fakulta, hija ma ntaghzlitx ghal dak il-post, stante illi kien hemm erba' kandidati li kienu eligibbli sabiex japplikaw u wara l-intervista intghazlu l-persuni li l-ahjar issodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-Bord tal-Ghazla. Fl-ebda lok dawn il-postijiet fil-letteratura ma kienu jispettaw lir-rikorrenti jew lil xi persuna ohra partikolari;

5. Fir-raba' lok, l-Universita ta' Malta tichad kull allegazzjoni illi giet impjegata persuna rninn barra l-Universita u l-Junior College, stante illi l-persuna in kwistjoni kienet nieqsa mill-pajjiz fuq xoghol ta' importanza nazzjonali u rritorna lura ghall-post li kien tieghu qabel telaq minn Malta, haga li kellu kull dritt jaghmel;

6. Fil-hames lok, ir-rikorrenti diga taghti xi sighat ta' taghlim fl-estetika letterarja lill- korsijiet tal-B.A. fid-Dipartiment tal-Malti gewwa l-Universita ta' Malta;

7. Fl-ahhamett, kif issottometta l-esponenti fis-16 ta' Novembru 2010 (Dok. UoM3) in risposta ghall-ittra ufficcjali (Dok. UoM2) ta' nhar id-29 ta' Settembru 2010, kwalsiasi mpjieg u/jew kariga fl-Universita ta' Malta tinhareg u/jew tigi stabbilita jekk l-esigenzi tal-Universita ta' Malta hekk jirrikjedu;

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kollha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Salv risposta/i ulterjuri permessi mil-Ligi;

Rat li l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew michuda b'sentenza parzjali ta' din il-Qorti tal-24 ta' Jannar 2012;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici fil-mertu hi ili l-konvenut kiser il-kondizzjonijiet tal-ftehim kollettiv ghal Academic Staff tal-Universita u Junior College fil-konfront taghha u konsegwentement ghandu jigi assenjat lilha post bhala ghalliema fl-Universita ta' Malta.

Dan il-ftehim hu riportat a fol 14 tal-process. Il-parti rilevanti ta' dan il-ftehim li qed jaghti lok ghal vertenza hi klawsola 2 li testwalment tghid hekk:
2 Those members of academic staff at the Junior College who at the time of signing of this Agreement satisfy all three of the following provisions:

i) were appointed between 1995 and 1998 to give service at the Junior College, with an obligation through their first appointment to conduct research;

ii) are in possession of a Ph.D. degree; and

iii) have demonstrated a consistent productivity in research as deemed appropriate by a Board that shall be

set up specifically for this purpose in consultation with the Unions,

shall be given a one-time opportunity, to be assigned to a Faculty at the University retaining their current grade. Academic Staff taking up this opportunity will henceforth be considered for all intents and purposes as academics of the University but will still be expected to conduct their lecturing duties at the Junior College. Should an appropriate vacancy for an academic post arise in the Faculty to which they are assigned such academic staff will have the right of first refusal to take up such a post for which they are deemed to be suitably qualified by a selection board. In the case that more than one such Junior College academic staff member is assigned to a Faculty and show interest to take up a specific vacant post within the respective Faculty at University then internal interviews will be conducted to select the most suitable candidate from amongst them. Clause 1 of this Agreement shall not be applicable to those members of academic staff who chose to benefit from provisions of this Clause.

Jirrizulta mill-atti illi Dr. Attard li hi full time lecturer fil-Junior College ghandha l-kwalifiki u ibbenefikat mill-ftehim kollettiv fis-sens illi hi ufficjalment titqies bhala senior lecturer fl-Universita ta' Malta bl-istess kondizzjonijet u termini li tgawdi tali pozizzjoni. Dan gie konfermat b'ittra tat-13 ta' Lulju 2009 fejn id-Direttur tal-Human Resources tal-Universita kienet ikkonfermat mill-attrici li rcevew l-accettazzjoni taghha li tigi assenjata lil fakulta fl-Universita skond klawsola 2 tal-ftehim kollettiv u illi l-paga taghha kienet ser tirrifletti dan. Giet infurmata wkoll illi kienu qed jaraw kif tista' tigi assenjata f'xi fakulta approprjata fl-Universita pero sa dik l-eventwalita kellha tibqa' taqdi d-dmirijiet taghha fil-Junior College.

Id-dizgwid ma kienx fuq il-kondizzjonijiet tax-xoghol peress illi l-istess attrici tistqarr li l-kwistjoni mhix dwar flus izda dwar il-fatt illi mill-collective agreement 'l hawn ma nstabilha ebda pozizzjoni biex hi tkun tista' taqdi d-

dmirijiet taghha fl-universita u mhux fil-Junior College bi ksur ta' dak li kien miftihem.

Infatti l-attrici b'nota a fol. 52 tal-process tinsisti illi l-kawza hi msejsa fuq l-artikolu 992 tal-Kodici Civili u l-principju 'pacta sunt servanda'.

Harsa lejn klawsola tnejn tal-ftehim kollettiv li qed jigi skrutinat f'din il-ventenza ipoggi dawn is-segwenti konsiderazzjonijiet. Fl-ewwel lok, l-ghalliema bhall-attrici li bbenefikaw mill-'opportunity' kif inhi msejha din il-klawsola ghalkemm jitqiesu bhala akkademici tal-Universita kienu xorta wahda mistennija li jaqdu dmirijiethom fil-Junior College fejn kienu qed ighallmu meta sar il-ftehim kollettiv. Pero l-klawsola izzid <u>li kemm-il darba jkun hemm post vakanti</u> fil-fakulta li fiha kienu assenjati huma kienu ser jinghataw right of first refusal. Jekk ikun hemm iktar minn applikant wiehed bl-istess dritt ghal post vakanti specifiku, isiru internal interviews being jintghazel l-ahjar kandidat.

L-attrici tifforma parti fid-dipartiment tal-Malti, u hi spejalizzata fil-letteratura.

Jirrizulta li fl-2009 stess inhass il-bzonn ta' zewg postijiet fid-dipartiment tal-Malti fl-Universita fit-taqsima tal-letteratura, li ghaliha kien hemm erba' applikanti eligibbli mill-Junior College u li wara li saru l-interviews intghazlu tnejn, u l-attrici u kollega iehor Dr. Marco Galea ma ntghazlux. Dan sehh f'Ottubru 2009 (ara xhieda ta' Kap tad-dipartiment tal-Malti fl-Universita Professor Emanuel Mifsud a fol 71 tal-process). L-attrici ma tilmentax minn din l-ghazla u ma tiffor max parti mill-lanjanza.

Fil-fatt dak kontenut fl-ittra tat-13 ta' Lulju 2009 fuq riferita beda jinghata sehh ghalih b'dan il-ftuh fid-dipartiment tal-Malti u gew osservati l-protokolli tal-klawsola 2 tal-ftehim kollettiv.

Il-lanjanza principali tal-attrici fegget ftit wara dan kollu meta dahal jahdem fid-dipartiment tal-Malti l-Professur Arnold Cassola, li l-attrici tqis li qabizha fl-ghazla ghal post fid-dipartiment li messu kien taghha skond il-ftehim

kollettiv. Hi zzid li sadattant il-kandidat l-iehor Dr. Mario Galea kien lahaq mar fakulta ohra.

Irrizulta bhala fatt mix-xiehda tar-Rettur tal-Universita Professur Juanito Camilleri illi l-Professur Cassola kien ilu lettur fid-dipartiment tal-Malti fil-fakulta tal-Arti fl-Universita mill-1988 izda fl-1999 inghata leave without pay biex jaqdi attivita ta' importanza jew prestigju nazzjonali. Dan hu permess skond il-prerogattiva tal-Kunsill tal-Universita u hekk gara f'kazijiet ohra ta' membri akkademici tal-Universita. L-impjieg tieghu fl-ebda hin ma gie terminat.

Il-Professur Cassola fl-affidavit tieghu a fol. 101 tal-process ighid li kien ilu lettur fil-Maltese and Comparative Literature fil-fakulta tal-Arti mill-1988 u sar Professur fl-2004. F'Settembru 1999 inghata special leave of absence mill-Universita meta gie elett bhala segretarju generali tal-European Federation of Green Parties u fl-2006 talab li l-ispecial leave of absence jigi mgedded. Hu esebixxa l-ittri ta' konferma mill-Universita. Rega' assuma d-doveri tieghu meta rritorna Malta fl-1 ta' Jannar 2010.

L-attrici lejn l-ahhar tal-kawza pprezentat affidavit ulterjuri fejn indirizzat lanjanza gdida u allegat illi fl-2012 thabbar kors gdid post gradwata fil-fakulta tal-Arti fejn f'zewg taqsimiet setghet taghti sehmha cioe literacy aesthetic u literacy theory and criticism. Qalet li kkuntattjat lil Head of Human Resources, billi dehrilha li kien qed jinholoq post vakanti fid-dipartiment tal-Malti, pero t-twegiba kienet li z-zewg taqsimiet tal-kors kienu gew imfassla min lettur iehor impjegat full time.

Dwar din il-kwistjoni xehdet id-direttur, Human Resources u qalet li dan il-kors gie zviluppat minn akkademici tal-Universita stess u kien inter dipartimentali fis-sens li kien maqsum bejn il-fakolta tal-Malti, Ingliz u Franciz, u intiz biex jigi mghallem mill-letturi ta' dawn il-fakultajiet stess. Hi ssuggeriet lil attrici biex tikkuntattja lil coordinator Professur David Lauri biex issaqsiha kienx hemm xi opportunita li fiha hi setghet tippartecipa. F'affidavit sussegwenti x-xhud qalet li dan il-Master's programme gie

promoss u ghalhekk offrut biss fis-sena akkademika 2012/2013.

Harsa lejn il-lanzjanzi tal-attrici fuq il-fatti esposti ghall-iskrutinju tal-Qorti, ma gie ppruvat ebda abuzz da parti tal-awtoritajiet Universitarji fil-konfront taghha, u anqas ebda ksur tal-ftehim kollettiv.

L-attrici qed tinsisti li kellu jinstabilha post akkademiku fl-Universita donnu qed tippretendi li kellha xi dritt kwezit li tinghata jew jinsabilha post fid-dipartiment tal-Malti. Il-klawsola 2 tal-ftehim kollettiv ma ta ebda dritt awtomatiku li hi kien ser jinstabilha post fid-dipartiment li fih kienet proficjenti. Il-ftehim kollettiv ipproferixxa fuq l-attrici d-dritt li tigi meqjusa bhala li tifforma parti mill-istaff akkademiku tal-Universita pero ma nghatat ebda garanzija jew stipulazzjoni ta’ xi terminu li fih hi kienet ser tibda taqdi d-dmirijiet taghha fl-Universita flok fil-Junior College f’xi zmien partikolari. Il-klawsola 2 tal-ftehim rabat lil Universita li jekk ikun hemm post vakanti fil-fakulta tal-Arti fid-dipartiment li fih kienet proficenti kien ser ikollha right of first refusal wara skrutinju ta’ selection board u f’kaz ta’ aktar minn applikant wiehed bl-istess pozizzjoni bhalha kellhom isiru internal interviews biex jintghazel l-ahjar kandidat.

L-attrici ma waslet qatt biex tressaq grad ta’ prova li fil-fatt kien hemm post vakanti fil-fakulta tal-Malti fid-dipartiment tal-Letterattura u fejn inqabzet a skapitu tal-ftehim kollettiv. L-attrici gabet bhala prova tlett eventi. L-ewwel wiehed kien is-sejha ghal zewg postijiet vakanti li ghalih applikat ma tlieta ohra bl-istess drittijiet taghha u intghazlu tnejn. Hi mhix tilmenta mis-selezzjoni taghhom. Gabet bhala prova d-dhul tal-Professur Cassola fil-fakolta pero dan ma kienx dhul gdid izda tkomplija f’kariga li kien ilu jokkupa mill-1988 u qatt ma ntemmet u ghalhekk ma kienx il-kaz ta’ vjolazzjoni ta’ ftehim izda adezjoni tal-Universita ghall-obbligu taghha li tirrientegra l-post li l-Professur Cassola qatt ma vvaka. It-tielet fatt kien tal-kors ad hoc li sar bejn tlett dipartimenti u li fih ma kienx hemm l-ingagg ta’ letturi estraneji izda kors ta’ sena li gie ppjanat u mghallem mill-letturi tal-istess kors.

Din il-Qorti m ghandhiex diskrezzjoni tohloq hi postijiet ta' taghlim ghal letturi fid-dipartimenti tal-Universita. Dan jispetta lil fakulta nfisha u fejn l-istess fakulta jidhrilha li hemm in-nuqqas li ghandu jimtela'. Sakemm ma tingiebx prova li fil-fatt inholoq kors li fih hi proficjenti l-attrici u dan inghata lil terz a skapitu ta' dak li jirrizulta fil-ftehim kollettiv, l-attrici ma tistax tilmenta minn ebda ksur u anqas ghandha l-jedd li tinsisti li jinholoq kors biex hi tidhol tghallem l-Universita. Dan mhux dak li jghid il-ftehim kollettiv fi klawsola 2 u ma jistax ghalhekk jigi argumentat li l-Universita marret lura minn xi obbligu assunt minnha fl-istess klawsola.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq esposti t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qed jigu michuda.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------